# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 202.**

**Rikors Nru: 690/99**

**Numru 1**

**Doc. Nru. 183-02**

**Perit Duminku Mintoff**

**vs**

**Dr. Joe Brincat u Alfred Briffa bhala l-editur tal-gazzetta it-Torca**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fit-28.ta' Dicembru, 1998 gie ppublikat fil-gazzetta "It-Torca" artikolu miktub minn Dr. Joe Brincat taht l-isem "X'Sena !" kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A";

Premess illi dak l-artikolu kien malafamanti ghar-reputazzjoni u gieh ta' l-attur billi jattribwixxi. fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur;

Premess illi dak l-istess artikolu pogga taht dawl ikrah ir-reputazzjoni u l-agir professjonali ta' l-attur peress illi t-test ta' l-artikolu jimplika illi l-attur bhala membru parlamentari mexa b'mod irresponsabbli fit-tehid tad-decizjonijiet

tieghu u dana billi partikolarment implika li d-decizjonijiet ta' l-attur kienu animati bl-ispirtu li jivvantaggjaw lilu nnifsu u li dawn id-decizjonijiet wasal ghalihom l-attur ghaliex kien se jiehu xi vantagg mill-partit politiku li dak iz-zmien kien fl-oppozizzjoni;

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi, fosthom b'ittra datata 6 ta' Jannar, 1999 u ohra 12 ta' Jannar, 1999 hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "B" u "C" rispettivament, sabiex jippublika d-debita rattifika f'harga ohra ta' l-istess gurnal baqa' inadempjenti;

Premess illi l-attur hass ruhu malafamat u offiz b'tali allegazzjonijiet u ghalhekk iixtieq jaghmel uzu mill-proceduri li taghtih il-ligi ghal rizarciment ta' danni hekk kif kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba l-artiklu suriferit u cioe' l-artikolu tat-28 ta' Dicembru, 1998 ippublikat f' "It-Torca";

(2) tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhorn ihallas dawk id-danni u penali li jigu likwidati minn din il-Qorti fil-konfront tal-konvneuti u li ma jeccedix hamest elef lira Maltija (Lm5,000) flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispeiiez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Alfred Briffa fejn eccepixxa:

1. Illi ma kien hemm ebda harga tal-gurnal It-Torca fid-29 ta' Dicembru, 1998.

2. Illi l-attur irid jipprova l-konnessjoni tal-eccipjent mal-gurnal It-Torca;

3. Illi subordinament, u bla ebda pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet l-eccipjent ma mmalafamax lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Joe Brincat a fol. 20 tal-process fejn eccepicca

1. Illi huwa qatt ma kiteb artikoli fejn semma lill-Pent Dominku Mintoff. Certarnent li-konvenut jaf iehor li ismu jixbah lil dak tal-attur, imma mhux dak li hemm imnizzel fic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni.

2. Fit-tieni lok, jekk l-attur huwa l-Pent Duminku Mintoff li sa ftit ilu kien membru parlamentari, l-artikolu mhux libelluz ghaliex ma jaghti l-ebda malafama lil min issemma fl-istess artikolu, u dan fuq il-bazi tal-gurispruderiza tal-Qrati Maltin fuq x'jikkostitwixxi malafama, u x'jikkostitwixxi kritika anke harxa ta' persunagg fil-hajja pubblika, u l-attur mhux qed jindika liema kliem jikkostitwlxxi malafama.

3. Fit-tielet lok, il-fatti kienu veriu msejsa fuq rapport parlamentari u ghalhekk barra li kienu privileggjati, kull kumment, li hu liberu, kien imsejjes fuq osservazzjonijiet ta' *system of conduct* tal-Perit Dumiku Mintoff, li l-eccipjenti lest li jipprova.

4. Illi huwa ezercita d-dnitt fondamentali tieghu tal-liberta' tal-espressjoni,

u jekk il-kitba inkriminata kellha titqies libelluza, u sanzjonabbli, dan jammonta ghal interferenza indebita fl-istess dritt, u jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-istess dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha tat-8 ta' Jannar, 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba l-artikolu tad-29 ta' Dicembru, 1988 ippublikat f'"It-Torca" intitolat "X'Sena !".

**ECCEZZJONIJIET**

**Il-konvenut Alfred Briffa eccepixxa:**

1. Illi ma kien hemm ebda harga tal-gurnal fid-29 ta' Dicembru, 1998.

2. Illi l-attur irid jipprova l-konnessjoni tal-eccipjent mal-gurnal It-Torca.

3. Illi subordinament u bla ebda pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijeit l-eccipjent ma mmalafamax lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.
corrected

**Il-konvenut Dr. Joseph Brincat eccepixxa**

1. Illi huwa qatt ma kiteb artikli fejn semma lill Perit Dominku Mintoff. Certament l-konvenut jaf iehor li ismu jixbah lil dak tal-attur, imma mhux dak li hemm imnizzel fic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni.

2. Fit-tieni lok, jekk l-attur huwa l-Perit Duminku Mintoff li sa ftit ilu kien membru parlamentari, l-artiklu mhux libelluz ghaliex ma jaghti l-ebda malafama lil min issemma fl-istess artiklu, u dan fuq il-bazi tal-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq x'jikkostititwixxi malafama, u x'jikkostitwixxi kritika anke harxa ta' persunagg fil-hajja pubblika, u l-attur mhux qed jindika liema kliem jikkostitwixxi malafama.

3. Fit-tielet lok, il-fatti kienu veru msejsa fuq rapport parlamentari, u ghalhekk barra li kienu privileggjati, kull kumment, li hu liberu, kien imsejjes fuq osservazzjonijiet ta' system of conduct tal-Perit Duminku Mintoff, li l-eccipjent lest li jipprova.

4. Illi huwa esercita d-dritt fondamentali tieghu tal-liberta' tal-espressjoni, u jekk il-kitba inkriminata kellha titqies libelluza, u sanzjonabbili, dan jammonta ghal interferenza indebita fl-istess dritt, u jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-istess dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut Alfred Briffa eccepixxa illi ma kien hemm ebda harga tal-gurnal fit 29 ta' Dicembru 1998. Din l-eccezzjoni gie sorvolata b'korrezzjoni a fol 13.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut Briffa eccepixxa li l-attur irid jipprova l-konnessjoni tal-eccipjent mal-gurnal It-Torca. Fil-fatt fil-kors tal-kawza l-attur ma gab ebda prova dwar dina l-konessjoni tal-konvenut Briffa mal-gurnal It-Torca, ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u konsegwentement tillibera lill-konvenut Briffa mill-osservanza tal-gudizzju.

Kwantu ghall l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dr.Brincat din giet sorvolata b'permezz ta' korrezzjoni a fol 70.

Fl-eccezzjonijiet l-ohra li jolqtu l-mertu, l-konvenut Brincat eccepixxa li l-artikolu mhux libelluz. Imbaghad fit-trattazzjoni tal-kawza qal li qatt ma kiteb dak li qed jippretendi l-attur, cjoe li l-attur waqqa l-gvern minhabba interessi personali.

**Fil mertu**

**Kontestazzjoni**

L-attur issottometta li l-artikolu pogga taht dawl ikrah ir-reputazzjoni u l-agir professjonali tieghu peress illi t-test ta' l-artikolu **jimplika** illi hu bhala membru parlamentari mexa b'mod irresponsabbili fit-tehid tad-decizjonijiet tieghu u

dana billi partikolarment **implika** li d-decizjonijiet tieghu kienu animati bl-ispirtu li jivvantaggjaw lilu nnifsu u li dawn id-decizjonijiet wasal ghalihom ghaliex kien se jiehu xi vantagg mill-partit politiku li dak iz-zmien kien fl-opposizzjoni.

L-attur xehed li Dr.Brincat kiteb fil-gurnal li sal gurnata illi sema' lil Dr.Gulia, kien jahseb mod - jigifieri kien jahseb li l-istorja tal-Gharix m'ghandhiex x'taqsam mal-vot ta' sfiducja - imbaghad ghax sema' lil Dr.Gulia, hareg b'zewg affarijiet: wahda illi Mintoff hu makakk u dak li jkun jahseb li dan se jispara fuq il-lemin mentri fil-fatt ikun qed jimmira fuq ix-xellug - u ghal attur din mhiex ingurja; u l-ohra, li fil-kwistjoni tal-fiducja, hu kellu interessi personali fin-nofs. Ghal attur din hi ingurja doppja billi Dr.Brincat kien jaf b'kollox li kien ghaddej ma' Alfred Sant u li l-kwistjoni tal-Gharix qatt ma dahlet fit-trattativi.

L-attur iddikjara li fl-ebda stadju fit-trattativi fuq il-fiducja ma semma ma' xi hadd il-kwistjoni ta' l-Gharix. F'din il-kawza hu ressaq bhala xhieda lil Dr.Philip Sciberras, Dr.John Attard Montaldo u Dr.Carmel Mangion li lkoll qalu li fid-diskuzzjonijiet li kienu qed isiru, l-attur qatt ma qanqal il-kwistjoni tal-kumpens mal-kwistjoni tal-fiducja u qatt ma hallat iz-zewg materji.

Minn naha l-ohra Dr.Brincat issottometta li fl-artikolu hu qatt ma qal li l-attitudini tal-attur fil-Parlament matul is-sena 1998 kienet ispirata mill-kwistjoni li kellu dwar il-kumpens dovut lilu skond il-kawza Kostituzzjonali li rebah dwar l-Gharix.

Hu xehed li, wara li kiteb l-artikolu in kwistjoni, hu qatt ma ried jaghmel apologija lill attur ghaliex la kiteb il-kliem u lanqas seta' l-kliem jiftiehem li kien ifisser li Mintoff agixxa dwar il-kwistjonijiet li kellu mal-partit laburista fil-gvern

ghaliex ma kienux hallsuh il-kumpens li ppretenda u jidher li ghadu jippretendi. (fol 218). Il-konvenut xehed hekk:

*Jiena fil-kitba li ghamilt, l-fatti li semmejt, qatt ma semmejt fl-ebda mument il-kumpens tal-kwistjoni tal-Gharix, ghax il-kumpens…f'dik il-kwistjoni la qatt dhalt, la qatt interessajt ruhi u lanqas jinteressani sal-lum…. L-interpretazzjoni li qed jipprova jaghti l-attur mhiex qieghda hemmhekk….Mhix miktuba hemmhekk u jiena mhux qed nattribwilu fatt li qed ighid… Ghedtlu kif tridni naghmel zmentita jekk dak li hemm miktub hemmhekk mhux dak illi qed jippretendi hu illi qieghed jinghad ghax jiena dak il-kliem m'ghedtux. M'ghedtx illi huwa waqqa' l-Gvern."*

Il-konvenut kompla ssottometta li hu kiteb fuq fatti li huma veri u kien ispirat minn opinjonijiet li ma kienux ivvintati. Hu kellu dritt jikteb fuq persunagg pubbliku fil-hajja pubblika u protagonist fit-tajjeb jew fil-hazin skond l-opinjoni individwali.

Dwar Dr. Gavin Gulia, il-konvenut qal :

*"Imma, bhas soltu, kien hemm xi haga f'Gavin li kienet qed turta lil Dom Mintoff, u ghalhekk ried jolqtu lateralment, bir-ragun jew minghajru….*

*"Meta smajt fuq Gavin Gulia, ghalhekk, li kont naf il-pattern ta' glidiet ma' nies ohrajn, u kif l-issues jithawdu, u jsir l-attakk xorta, xammejt li xi haga kien hemm, imma mhux la kemm inkun naf x'inhi, jew li ninduna biha malajr." (Fol 242).*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-artikolu inkriminat**

Fl-artikolu inkriminat l-konvenut l-ewwel beda biex ighid li s-sena 1998 kienet sena minn dawk li kienet ser tibqa f'mohhu. Kienet sena li qalbitlu hajtu u mohhu, kienet sena difficili politikament. L-ahbarijiet tat-temp politiku kien ibassar li gej il-maltemp. Semma l-artikolu li kien kiteb fit-Times fuq il-kwistjoni kostituzzjonali dwar nuqqas ta' maggoranza u l-artikolu l-iehor li kiteb fil-Gens fejn semma kemm kien difficili biex tintebah lejn xiex ikun qed jimmira Mintoff. Imbaghad kompla l-artikolu inkriminat b'dan il-mod:

*"Ghamilt gimghat qisni mekkuk, flimkien ma' ohrajn,nipprova li tinsab soluzzjoni ghall-ghawg li kien jidher fil-wicc. Imma l-ghawg ma kienx forsi dak li kont qed nara jien u kienu qed jahsbu n-nies.* ***Per ezempju*** *, f'wiehed mid-diskorsi li ghamel pubblikament Dom Mintoff kien attakka lil Dr.Gavin Gulia bhala Ministru responsabbili ghax-xoghol tal-Parlament. Dr.Gulia kellu jlaqqat fuq rasu. Min naha l-ohra u fl-istess nifs kien hemm tifhir lejn Dr.Zammit Dimech bhala " l-habib tieghi". Kien hemm ukoll attakki fuq Dr.George Vella bhala bniedem, u dan ma kienx it-tabib li naf jien. Dr.Gavin Gulia dan l-ahhar tkellem fil-Parlament u qal xi stejjer fuq min kien icempillu minhabba l-kumpens tal-kawza kostituzzjonali. Insomma jekk Dr.Gavin Gulia ma kellux htija bhala Ministru responsabbili mix-xoghol tal-parlament, imma tort iehor kellu, li ma kienx qed icedi fuq il-kumpens."( Fol 5).*

Fil-kaz in ezami l-artikolu hu forma ta' *personalized column* fejn hemm imhalltin fatti, opinjonijiet u kummenti. Wiehed mill-punti li semma l-konvenut fl-artikolu kien dwar kemm hu difficili li tifhem x'ikollu f'mohhu Mintoff u partikolarment dika s-sena mqanqla politikament. Fl-artikolu li kiteb fil-Gens kien hemm parti li ma dehritx imma li kellu fuq il-computer fejn spjega t-tattika li kien juza Mintoff u haseb li l-attur kien se juza dika t-tattika anke dika s-sena. Hu semma kif Mintoff ikun qed jimmira naha mentri fil-fatt l-intenzjoni

tkun li jrid jolqot in-naha l-ohra. Imbaghad ta bhala ezempju l-kaz ta' Dr.Gavin Gulia, fejn Mintoff attakkah fil-Parlament fuq kwistjoni ta' procedura parlamentari addottata f'kaz partikolari mentri fil-fatt l-attakk kien intenzjonat lejn Dr.Gulia minhabba xi haga ohra u hawn Brincat isemmi l-kwistjoni tal-kumpens.

Fil-fatt Dr. Brincat, f'dika l-parti, ma jsemmiex li Mintoff waqqa' l-Gvern minhabba l-kwistjoni tal-kumpens. L-attur xehed li minn dan il-kliem wiehed jista' jinferixxi li hu kien qed jagixxi b'dak il-mod minhabba l-interessi personali tieghu.

Il-mistoqsija ghalhekk tqum jekk wiehed jistax jinferixxi minn dan l-artikolu dak li qed jippretendi l-attur. Ir-risposta tinsab x'jifhem il-qarrej ordinarju. What would an ordinary reader on reading or hearing the words complained of in context, say to myself?"

Il-Qorti hi tal-fehma li, minn dan il-kliem wiehed mhux necessarjament ghandu jikkonkludi li l-konvenut ried jimplika li Mintoff kien qed jiehu dika l-attitudina negattiva kontra l-partit laburista minhabba interessi personali.

Il-konvenut semma l-kaz ta' Dr.Gulia bhala ezempju biex jipprova kif kienet it-tattika ta' Mintoff. Fil-fatt fl-artikolu jintuza l-kliem "per ezempju". Hu ma jsemmiex il-kaz ta' Dr.Gulia fil-kuntest tal-waqa' tal-Gvern.

Dr. Brincat spjega li hu difficili tifhem x'ikollu f'mohhu Mintoff, u specjalment f'dika l-okkazzjoni. Il-kwistjoni tal-kumpens setghet kienet wahda mill-affarijiet li f'dak il-perjodu kienet qeda iddejjaq lill Mintoff, fost hwejjeg ohra, per ezempju, il-kwistjoni tal-kontijiet tad-dawl u ilma u l-progett tal Cottonera. Il-kwistjoni tal-kumpens ma kinitx necessarjament l-unika raguni li geghlet li lill

Mintoff jagixxi bil-mod kif agixxa, partikolarment meta ivvota jew naqas li jivvota fil-Parlament.

Kif inhu risaput, while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. ". (Gatley on Libel and Slander 8th Ed p 696).
Il-konvenut ikkummenta fuq fatt li hu veru u gibed il-konkluzzjonijiet tieghu. Il-fatt hu li Dr.Gulia kien gie attakkat mill-attur, u l-konvenut haseb li kienet minhabba certa raguni, mentri fil-fatt wara, haseb li r-raguni setghet kienet ohra, u minn hemm gibed il-konkluzzjonijiet tieghu. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn huma kummenti u opinijonijiet li l-konvenut kellu dritt li jifforma fuq personaggi pubblici u li huma fair comment, in the sense of being one that the commentator could honestly express on the strength of such of his facts. Wiehed jista jaqbel jew ma jaqbilx ma dawn il-konkluzzjonijiet pero' dawn huma l-opinijonijiet jew kummenti li wiehed ghandu dritt ghalihom.

Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien qed jikkummenta fuq fatti u mhux qed jattribuixxi fatti li mhumiex vera. Il-konvenut kien qed jikteb fuq il-kaz ta' Dr.Gulia, f'kolonna personalizzata. Dwar dan l-istil ta' kitba l-awturi ighidu li:

"Criticism expressed in personalized columns is more likely to be regarded as opinion, especially when it appears to be an inference drawn by the columnist from facts to which reference has been made. Writers can help to characterize their criticism as comment with phrases like 'it seems to me', ' in my judgment', ' in other words' etc., although such devices will not always be conclusive." (ara Media Law. Robertson & Nicol 3rd Ed. Pag 79). Fil-kolonna tieghu l-konvenut juzaw dawn l-espressjonijiet bhal "nahseb" "ma nafx kif infissirha"

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut fl-artikolu inkriminat kien qed esercita d-dritt fondamentali tieghu tal-liberta' tal-espressjoni, u li l-kitba inkriminata mhiex libelluza billi fiha kummenti bazati fuq fatti li graw.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta' l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**